MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Numru 1010/2002

**Il- Pulizija**
**(Supretendent Alexandra Mamo)**

vs

**Joseph Mercieca**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Joseph Mercieca ta' 57 sena, iben Fortunato u Carmen nee' Cremona, imwieled Xaghra, Ghawdex fil- 21 ta' Settembru 1947 u residenti Numru 1, Triq ic- Caghaq, San Pawl il- Bahar. Detentur ta' karta ta' l- Identita' bin-numru 77447(G).

Talli f' dawn il- Gzejjer, f' dawn l- ahhar snin, u cioe' fit- 13 ta' Lulju 2002, u fix- xhur ta' qabel din id- data,

b’ diversi atti li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda:

a) xjentament qieghed fic- cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’ marka, sinjal jew emblema ixebbhin b’ qerq u cioe’ sigaretti Rothmans Blue foloz, dan bi ksur ta’ l- Artikolu 298 (l) (f) tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

b) Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex qassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal- jeddijiet li johorgu mid- drittijiet tal- Awtur li jkollha persuna ohra protetti bil, jew taht il- Ligi ta’ Malta u dan bi ksur tal- Artikolu 298B tal Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

c) F’ isem il- kontrollur tad- Dwana, talli fit- 13 ta’ lulju 2002. wara tfittxija li saret minn Ufficjali tal- Pulizija fis- ‘Sunshine Store’ u l- imhazen ta’ magenbu, sitwati fi Triq Paderborn, Bugibba, instab, li xjentament, kellu fil- pussess tieghu u/jew kif ukoll espona ghall- bejgh sigaretti bla dazju, li whud minnhom kienu foloz u wkoll bill- faxxa tad- Dazju tas- Sisa ffalsifikata, ukoll fl- istess dati, lok u cirkostanzi, xjentament kellu x’ jaqsam illi b’ xi mod iddispona kontra l- ligi minn sigaretti ta’ din ix- xorta u dan bil- hsieb illi bil- qerq seta jinharab milli jithallas id- dazju u/ jew xi xorta ta’ taxxa ohra dovuta fuq dawn is- sigaretti, ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta, l- importazzjoni u l- pussess ta’ dawn l- imsemmija sigaretti huma pprojbiti u/ jew ristretti u/jew kif ukoll limitati b’ valur totali ta’ LM 41.37,5 Dazju tas- Sisa dovut ta’ LM121.17,6, Taxxa imposta u Taxxa fuq il- Valur Mizjud li jammontaw ghal LM15.13,7 u LM26.64,0 rispettivament, liema Dazju u Taxxi ma gewx imhallsa u/jew kawtelati bi ksur ta’ l- Artikli 60 (a) (b) (c) (e) (k) u 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal- Poviso ta’ l- Artikolu 62 ta’ l- Ordinanza tad- Dwana Kap. 37;

d) F’ isem il- Kontrollur tad- Dwana, talli fl- istess data, lok u cirkostanzi, iffalzifika xi kon, boll, marka

jew xi mezz iehor li jintuza mill- Gvern, jew taht l- awtorita' tal- Gvern, ghalbiex jintghamlu faxxex ta' dazju tas- sisa jew ghalbiex jimbolla jew jimmarka dawk il- faxxex ghal finijiet ta' l- Att dwar Dazju tas- Sisa, bi ksur ta' l- Artikolu 16 (e) tal- kap. 382 dwar Dazju tas- Sisa;

e) F' isem il- Kontrollura tad- Dwana, talli fl- stess data, lok u cirkostanzi ghamel b' kon, boll, marka jew mezz iehor fasifikati impressjoni fuq xi materjal, bi ksur ta' l- Artikolu 16 (e) tal- kp. 382 dwar Dazju tas- Sisa;

f) F' isem il- Kontrollur tad- Dwana, talli fl- istess data, lok u cirkostanzi biegh u/jew espona ghal- bejgh jew spaccja jew uza xi kon, boll, marka jew mezz falsifikati jew impressjoni maghmula bihom bi ksur ta' l- Artikolu 16 (f) tal- Kap. 382 dwar Dazju tas- Sisa;

g) F' isem il- Kontrollur tad- Dwana, talli fl- istes data, lok u cirkostanzi xjentament u minghajr raguni tajba kellu ghandu kon, boll, marka jew mezz falsifikati jew impressjonijiet maghmulin bihom dan bi ksur ta' l- Artikolu 16 (g) tal- kap. 382 dwar Dazju tas- Sisa;

h) F' isem il- Kontrollur tad- Dwana, talli fl- istess data, lok u cirkostanzi, falsament ghamel uzu ta' kon, boll, marka jew mezz veri jew ghamel xi wiehed mill- atti msemmija fil- paragrafi (e), (f), u (g) ta' l- Artikolu 16 tal Kap. 382 dwar Dazju tas- Sisa rigward impressjonijiet foloz maghmulin b' ghodod veri, dan bi ksur ta' l- Artikolu 16 (h) tal- kap. 382 dwar Dazju tas- Sisa;

i) F' isem il- Kontrollur tad- Dwana fl- istess data, lok u cirkostanzi kien b' xi mod xjentament involut f' xi evazjoni jew tentattiv ta' evazjoni tad- dazju li ghandu jingabar bis- sahha ta' l- Att dwar Dazju tas- Sisa, dan bi ksur ta' l- Artikolu 16 (j) tal- Kap. 383 dwar Dazju tas- Sisa.

j) F' isem il- Kontrollur tad- Dwana fl- istess data, lok u cirkostanzi kien irrakomanda prezz bl- imnut ghas- sigaretti li jkun jeccedi l- prezz bl- imnut

rakkomandat li fuqu dazju tas- sisa jkun gie kkalkulat, bi ksur ta’ l- Artikolu 16(l) tal- Kap. 383 dwar Dazju tas- Sisa;

k) F’ isem il- Kummissarju tat- Taxxa fuq il- valur mizjud, akkuzat talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentament kellu fil- pusses tieghu u/jew depozitati ghandu, u/jew kif ukoll espona ghall- bejgh sigaretti bla dazju, li whud minnhom kienu foloz u wkoll bil- faxxa tad- dazju tas- sisa ffalsifikata, kellu x’ jaqsam filli b’ xi mod iddispona kontra l- ligi minn sigaretti ta’ din ix- xorta ta’ taxxa ohra dovuta fuq dawn is- sigaretti, ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta, l- importazzjoni ta’ dawn is- sigaretti u l- pussess taghhom huwa projbiti u/jew ristretti u/jew kif ukoll limitati, ghandhom valur totali ta’ LM41.37,5, dazju tas- sisa dovut ta’ LM121.17,6, Taxxa Mposta (Levy) LM15.13,7 u Taxxa fuq il- Valur Mizjud li tammonta ghal LM26.65,3, liema dazju u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati, dan bi ksur ta’ l- Artikolu 80 ta’ l- Att dwar Taxxa fuq il- Valur Mizjud, Att Nru. XXIII ta’ l- 1988.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li fis- seduta ta’ llum l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l- Qorti til- prezenza ta’ l- avukat tieghu fissritlu l- konsegwenzi ta’ ammissjoni.

Issibu hati wara li semghet ix- xhieda bil- gurament u rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Rat l- art 298(1)(f) tal- Kap 9, 298B ta’ l- istess Kap., l- art. 60(a), (b), (c), (e), (k) u 62 (a), (b), (c), (e), (f), (g), (h), (i), (k) u l- paragrafu (a) tal- proviso ta’ l- art 62 tal- Kap 37, 16(d), (f), (g), (h), (i), (j) tal- Kap. 383, l- art 80 ta’ l- Att Nru XXIII tal- 1988.

Rat ukoll l- art 28A tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta li ser tapplika stante l- fedina pernali ta’ l- akkuzat.

Ghalhekk tikkundanna lill- akkuzat sitt xhur habs (6) liema sentenza ma ghandhiex tidhol fis- sehh hlief jekk l- akkuzat jikkommetii reat soggett ghall- prigonerija fi zmien

sena (1) millum. Il- Qorti qed tfisser lill- akkuzat bi kliem car ir- responsabilta' tieghu that l- art 28B jekk jikser il- ligi fl- imsemmi perjodu ta' sena.

Rat it- talba tal- prosekuzzjoni a terminu ta' l- art 62 tal-Kap 37, tilqaghha u tikkundanna lill- akkuzat li jhallas bhala dejn Civili s- soma ta' Lm245.72,6 fi zmien sitt xhur millum.

Rat it- talba tal- prosekuzzjoni a tenur ta' l- art 533 tal-Kap. 9, tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha billi ma keinx hemm spejjez ta' esperti.

Fl- ahharnett tordna l- konfiska tal- esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------